



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11492/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0252(COD)**

**POLCOM 148
SPG 5
CODEC 1290**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 426 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 426 final.

Mehmuż: COM(2023) 426 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.7.2023
COM(2023) 426 final

2023/0252 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni Ewropea (UE) tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹ permezz tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) mill-1971 'il quddiem. Din tagħmel parti mill-politika kummerċjali komuni tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-azzjoni esterna tal-UE².

Is-SĠP hija wieħed mill-istrumenti kummerċjali ewlenin tal-UE biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jintegraw fl-ekonomija dinjija permezz tal-kummerċ, tnaqqas il-faqar, u tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol, tal-ħarsien tal-ambjent, u l-governanza tajba. Is-SĠP tikkonsisti fi tliet arranġamenti:

- SĠP Standard: għal pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri, li tipprovdi tnaqqis jew it-tneħħija sħiħa tad-dazji doganali fuq żewġ terzi tal-linji tariffarji tal-UE.
- SĠP+: l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba, li jnaqqas it-tariffi għal 0 % għal ġeneralment l-istess linji tariffarji bħas-SĠP Standard. Tingħata lill-pajjiżi vulnerabbli b'introjtu baxx u medju inferjuri li jimplimentaw is-27 konvenzjoni internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba.
- KMA (Kollox Minbarra Armi): l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (least developed countries, LDCs), li jipprovdihom aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-UE għall-prodotti kollha minbarra l-armi u l-munizzjon.

L-iskema attwali hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) Nru 978/2012³ u tapplika sal-31 ta' Diċembru 2023. Sakemm qabel dik id-data ma jiġix adottat Regolament ġdid, li jissostitwixxi r-Regolament eżistenti, l-arranġamenti tas-SĠP Standard u s-SĠP+ ma jibqgħux japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. B'hekk, jiġu imposti d-dazji tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (Most Favoured Nation, MFN) fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw skont is-SĠP Standard u s-SĠP+. Madankollu, l-importazzjonijiet mil-LDCs xorta jkunu koperti mill-arranġament tal-KMA, li ma għandux data ta' skadenza.

¹ L-espressjoni "pajjiżi li qed jiżviluppaw" tintuża skont it-terminoloġija tad-WTO, ara pereżempju l-komunikazzjoni chapeau tal-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi d-WTO ("Li jagħrfu wkoll li teżisti l-ħtieġa għal sforzi pożittivi ddisinjati għal biex jiżguraw li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod speċjali daww l-inqas żviluppati fosthom, jassiguraw sehem fit-tkabbir tal-kummerċ internazzjonali li jitkejjel skont il-ħtiġiet tal-iżvilupp tal-ekonomija tagħhom") u l-Klawsola Awtorizzanti tal-GATT ("Deċiżjoni dwar il-Trattament Differenzjat u l-Aktar Favorevoli, ir-Reċiproċità u l-Parteċipazzjoni Aktar Sħiħa tal-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw").

² It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea - TITOLU V: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR L-AZZJONI ESTERNA TAL-UNJONI U DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI Kapitolu 1: Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni - l-Artikolu 21 http://data.europa.eu/eli/treaty/teu/2008/art_21/oj.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat Proposta⁴ għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati. Ir-Regolament il-ġdid iħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2024. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għadha għaddejja iżda għadha ma ġietx konklużi u hemm riskju li ma tiġix konklużi fil-ħin. Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-kontinwità fl-operat tal-iskema wara l-31 ta' Diċembru 2023. Il-konsegwenzi ta' kwalunkwe interuzzjoni fis-SĠP jistgħu jkunu li l-importazzjonijiet kollha taħt is-SĠP jerġgħu lura għal trattament standard tan-nazzjon l-aktar iffavorit, ħliet għal dawk mill-pajjiżi l-anqas żviluppati li jkunu koperti mir-reġim Kollox Minbarra Armi (KMA), bi skossi ekonomiċi sinifikanti għall-kumpaniji fl-UE u fil-pajjiżi benefiċjarji.

Din il-proposta qed titressaq bil-ħsieb li jiġu żgurati l-kontinwità u żmien suffiċjenti għall-proċedura leġiżlattiva meħtieġa biex tittawwal l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti u jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi deskritti hawn fuq. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-Regolament SĠP il-ġdid jenħtieġ li japplika malajr kemm jista' jkun, f'liema punt din l-estensjoni temporanja tal-iskema eżistenti jenħtieġ li tintemm. Għalhekk qed jiġi propost li r-Regolament attwali jinżamm lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023, mingħajr tibdil, sakemm jintlaħaq qbil dwar Regolament suċċessiv fost il-leġiżlaturi u jidħol fis-seħħ, wara perjodu ta' tranżizzjoni xieraq.

Minħabba l-inċertezzi prevalenti dwar iż-żmien li se jittieħed biex jitlesta l-proċess leġiżlattiv dwar ir-Regolament SĠP il-ġdid, qed jiġi propost li l-validità tar-Regolament SĠP attwali tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2027. Dan se jgħid spazju biex jitħejja, jiġi maqbul, u jiġi adottat ir-Regolament suċċessiv bi żmien biżżejjed minn qabel għall-operaturi ekonomiċi u l-pajjiżi benefiċjarji biex iħejju għal kwalunkwe bidla li ssir, mingħajr ma jkun hemm ir-riskju ta' estensjoni miftuħa li fil-fatt tipperpetwa l-istatus quo u ddewwem ir-riformi opportuni fl-iskema.

Din il-proposta temenda biss id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.

Il-proposta dwar l-estensjoni tar-Regolament SĠP attwali ma tiswiex spejjeż lill-baġit tal-UE. L-applikazzjoni tiegħu lanqas ma tinvolvi xi telf ta' introjtu doganali meta mqabbla mal-qagħda attwali.

⁴ COM(2021) 579: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Mill-1971 'il hawn, il-Komunità tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tagħha.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi l-applikazzjoni tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ("l-iskema") sal-31 ta' Diċembru 2023 ħlief għall-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati li ma tapplikax data ta' skadenza għalihom.
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea addodat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Ir-Regolament propost għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għadha għaddejja u hemm riskju li ma tiġix konklużi sal-31 ta' Diċembru 2023. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi proposta estensjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-operat tal-iskema lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023 sal-mument li jiġi adottat u jibda japplika r-Regolament suċċessiv.
- (4) Il-perjodu ta' estensjoni tar-Regolament attwali jenħtieġ li jipprovdi ż-żmien meħtieġ għall-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid. Għaldaqstant, il-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027. F'każ li r-Regolament ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021)579 isir applikabbli qabel dik id-data, jenħtieġ li l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 titqassar b'mod korrispondenti, filwaqt li jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni adegwat. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, jekk il-pubblikazzjoni ta'

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

² COM(2021) 579 final.

dan ir-Regolament issir wara l-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li dan japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 is-sena "2023" hija sostitwita bis-sena "2027".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk il-pubblikazzjoni ssir wara l-31 ta' Diċembru 2023, dan ir-Regolament għandu japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: Mhux applikabbli

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita): Mhux applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(f' miljuni ta' EUR għal pożizzjoni decimale waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ³⁴	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-01/01/2024 <i>(jekk applikabbli)</i>	Sena 2024
/Artikolu/ 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>		-2,977,6
Kapitolu/Artikolu/Partita ...			

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	[N+1]	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]

³ L-ammonti għal kull sena jeħtieġ li jkunu stima bbażata fuq il-formula jew il-metodu definit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jiġi jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

⁴ F'każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Kapitolu/Artikolu/Partita ...					
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa): Mhux applikabbli

Linja tan-nefqa ⁵	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tan-nefqa	[N+1]	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

1. MIŻURI KONTRA L-FRODI

MHUX APPLIKABBLI

RIMARKI OĦRA

L-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (SGP) tagħti, taħt ċerti kundizzjonijiet, preferenzi doganali lil ċerti prodotti li jiddaħħlu fl-UE.

Abbażi tal-aħħar *data* disponibbli (2019)⁶, dawn il-preferenzi jirrappreżentaw telf ta' dħul għall-UE ta' EUR 2 977,6 miljun skont ir-Regolament SGP propost (l-Anness 1).

Ir-Regolament il-ġdid jipperpetwa l-preferenzi eżistenti. Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-pajjiżi ma jibqgħux koperti mill-iskema minħabba li jkunu kisbu l-istatus ta' pajjiż b'introjtu medju superjuri jew l-iffirmar ta' FTA mal-UE, tikkontribwixxi biex jitnaqqas it-telf ta' dħul mit-taxxa.

It-telf totali tad-dħul ikun ta' EUR 3 970 miljun (ammont gross). Jekk jitnaqqsu 25 % li jinżammu fl-Istati Membri biex jikkumpensaw għall-kostijiet tal-ġbir, it-telf tad-dħul għall-baġit tal-UE jkun ta' EUR 2 978 miljun imqassmin fost ir-reġimi differenti kif ġej:

⁵ Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.

⁶ Id-*data* għall-2020 u l-2021 hija disponibbli, iżda ma ntgħażlitx bħala bażi għall-kalkoli billi tqieset bħala sena mhux tas-soltu u mhux rappreżentattiva.

f' miljuni ta' EUR	Importazzjonijiet Pref.	Telf ta' dħul	Tnaqqis ta' 25 % "kostijiet tal-ġbir tal-Istati Membri"
KMA	25 171	2 764	2 073
SĠP+	8 406	776	582
SĠP	13 005	430	323
Totali	46 583	3 970	2 978

Anness 1: Effett fuq id-dħul tal-UE minn benefiċjarju tas-SĠP

Pajjiżi tal-KMA	Importazzjonijiet Totali x EUR 1 000	Importazzjonijiet Eliġibbli x EUR 1 000	Importazzjonijiet Preferenzjali x EUR 1 000	Medja tal-MFN	Medja tar-rata tal-KMA	Telf ta' dħul tal-UE x EUR 1 000
L-Afganistan	49 655	19 501	14 802	2,9 %	-	434
L-Angola	3 520 990	37 270	31 004	7,7 %	-	2 378
Il-Bangladesh	15 927 629	15 874 498	15 366 176	11,7 %	-	1 805 019
Il-Benin	19 183	2 854	2 059	7,0 %	-	145
Il-Bhutan	10 022	9 817	9 435	5,7 %	-	542
Il-Burkina Faso	242 090	20 944	20 000	6,1 %	-	1 225
Il-Burundi	31 505	262	142	5,3 %	-	7
Il-Kambodja	4 574 251	4 428 234	4 173 909	11,9 %	-	497 288
Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	12 149	66	-	-	-	-
Iċ-Chad	135 515	1 950	-	-	-	-
Comoros	23 416	9 408	8 691	6,6 %	-	573
Il-Kongo (Repubblika Demokratika)	822 182	8 453	1 794	11,1 %	-	200
Il-Djibouti	3 184	874	81	11,5 %	-	9
Il-Guinea Ekwatorjali	886 116	16 843	7 407	0,7 %	-	52
L-Eritrea	1 962	1 737	1 681	11,9 %	-	200
L-Etjopja	520 210	255 691	246 854	8,8 %	-	21 684
Il-Gambja	13 247	10 897	10 145	8,0 %	-	808
Il-Guinea	732 435	4 534	1 738	5,9 %	-	103
Il-Guinea-Bissau	64 299	515	411	8,4 %	-	35

Il-Haiti	33 890	10 672	8 747	11,0 %	-	962
Il-Kiribati	66	65	12	11,0 %	-	1
Il-Laos	285 962	240 844	212 040	10,0 %	-	21 274
Il-Lesoto	299 445	4 710	597	9,1 %	-	54
Il-Liberja	327 056	3 113	2 001	4,5 %	-	90
Madagascar	906 173	698 620	8 151	6,9 %	-	566
Il-Malawi	259 579	246 715	238 199	0,1 %	-	199
Il-Mali	30 942	5 873	3 700	5,1 %	-	189
Il-Mauritania	675 106	336 957	332 825	8,8 %	-	29 243
Il-Mozambique	1 619 461	1 144 760	1 099 775	3,0 %	-	33 386
Il-Myanmar	2 731 998	2 593 015	2 470 859	11,0 %	-	273 017
In-Nepal	67 719	59 535	55 329	7,9 %	-	4 377
In-Niġer	6 185	3 927	2 583	1,0 %	-	26
Ir-Rwanda	52 002	10 968	10 046	5,9 %	-	593
São Tomé u Príncipe	7 659	877	740	3,4 %	-	25
Is-Senegal	471 995	337 004	330 186	10,0 %	-	32 859
Sierra Leone	265 673	2 927	1 455	3,3 %	-	48
Il-Gżejjer Solomon	61 559	61 419	61 272	22,2 %	-	13 612
Is-Somalja	23 119	301	-	-	-	
Is-Sudan t'Isfel	1 862	1 447	-	-	-	
Is-Sudan	272 348	7 975	6 998	1,6 %	-	113
It-Tanzanija	419 033	232 563	225 134	4,0 %	-	9 052
Timor Leste	4 187	1 256	0	12,3 %	-	0
It-Togo	211 711	17 563	16 359	6,4 %	-	1 045
Tuvalu	224	88	-	-	-	
L-Uganda	416 610	131 769	129 242	7,6 %	-	9 798
Vanuatu	742	77	22	4,0 %	-	1

Il-Jemen	95 481	9 726	8 723	13,2 %	-	1 148
Iż-Żambja	352 622	54 298	49 852	2,8 %	-	1 371
Total tal-KMA	37 490 449	26 923 416	25 171 176	11,0 %		2 763 751

Pajjiżi tas-SĠP+	Importazzjonijiet Totali x EUR 1 000	Importazzjonijiet Eliġibbli x EUR 1 000	Importazzjonijiet Preferenzjali x EUR 1 000	Medja tal-MFN	Medja tar-rata tas- SĠP+	Telf ta' dħul tal- UE x EUR 1 000
L-Armenja	334 119	200 580	196 657	4,6 %	-	9 028
Il-Bolivja	547 509	83 017	78 203	1,7 %	-	1 319
Cabo Verde	84 537	68 040	61 240	20,1 %	-	12 288
Ir-Repubblika tal- Kirgistan	104 734	7 444	4 541	5,5 %	-	249
Il-Mongolja	74 705	17 351	14 060	11,0 %	-	1 542
Il-Pakistan	5 917 043	5 268 942	5 116 967	10,1 %	-	514 803
Il-Filippini	7 075 078	2 437 012	1 766 682	7,6 %	-	133 553
Is-Sri Lanka	2 266 802	1 922 801	1 167 843	8,9 %	-	103 391
Total tas-SĠP+	16 404 528	10 005 187	8 406 193	9,2 %		776 174

Pajjiżi tas-SĠP+ Ġenerali	Importazzjonijiet Totali x EUR 1 000	Importazzjonijiet Eliġibbli x EUR 1 000	Importazzjonijiet Preferenzjali x EUR 1 000	Medja tal-MFN	Medja tar-rata tas- SĠP	Telf ta' dħul tal- UE x EUR 1 000
Il-Kongo	737 147	2 623	236	7,4 %	4,1 %	8
Il-Gżejjer Cook	6 385	1 083		-	-	
L-Indja	38 052 127	8 626 452	7 929 033	9,6 %	6,5 %	247 014
L-Indoneżja	13 531 056	6 140 299	4 835 094	8,2 %	4,6 %	174 707
Il-Kenja	971 904	334 198	1 640	4,9 %	1,9 %	50
Il-Mikroneżja	39	24	4	11,5 %	7,0 %	0
Nauru	202	10		-	-	
In-Niġerja	17 072 490	161 796	129 049	7,3 %	2,8 %	5 726
Niue	269	35		-	-	
Samoa	879	457		-	-	
Is-Sirja	44 378	23 635	4 143	8,3 %	4,4 %	162

It-Taġikistan	42 091	14 082	12 517	11,5 %	9,1 %	299
Tonga	237	177	127	9,7 %	3,2 %	8
L-Uzbekistan	172 288	106 678	93 595	6,7 %	4,3 %	2 220
Total tas-SĠP Ġenerali	70 631 494	15 411 550	13 005 438	9,1 %	5,8 %	430 195